TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 67/11

**John u Anna Spiteri**

**vs**

**Crosscraft Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitejn, u disgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€299.99), kif ukoll mitejn ewro (€200) oħra ilma, total ta' erba' mija u disgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€499.99), rappreżentanti prezz ta' *reverse osmosis* li mall-ewwel kellu d-difetti.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tal-istess soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw *reverse osmosis* għal prezz ta' mitejn, u disgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€299.99), u kellu xi difett illi wara ftit dana tbiddel. It-tieni wieħed deher li kien *second hand* u s-soċjeta' intimata aċċettat li tbiddlu wkoll. Bit-tielet wieħed, ir-rikorrenti lmentaw ukoll li kellu diversi problemi.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub li għamlet minn kollox sabiex tipprova taqdi lir-rikorrenti tant li biddlet ir-*reverse osmosis* għal diversi drabi u li ma kienx it-tort tagħha, imma kienu r-rikorrenti li ma kellhomx raġun.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ikkonfrontat b'dawn il-verżjonijiet differenti, jikkonkludi li fil-fatt is-soċjeta' intimata aċċettat li tbiddel, għalkemm kienet qed tipprova tipprovdi *after sale service* tajjeb, jidher illi verament kien hemm xi difett f'dan ir-*reverse osmosis*.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn, u disgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€299.99), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**